**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 32 – IT-TLIETA 20 TA' DIĊEMBRU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |

### 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata minn Dr Marc Sant.

## 2. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

2.1 Il-Kunsill għal darb'oħra reġa' ddiskuta l-problema tad-dewmien esaġerat biex ix-xogħol fi Triq Annibale Preca jitkompla malajr kemm jista' jkun.

2.2 Il-*Contract Manager* tal-Kunsill, il-Perit John Rizzo Naudi, informa lill-Kunsill illi għalkemm insista ħafna drabi mal-kuntrattur biex dan kompli x-xogħol il-Kuntrattur baqa' jinjorah.

2.3 Il-Perit John Rizzo Naudi ikkonferma wkoll li bhalissa skond il-Foreman ta' Polidano Bros. Ltd., il-haddiema jkollkom is-'shut down' u hemm il-ħiseb li x-xogħol jinbeda f'nofs Jannar tas-sena d-dieħla.

2.4 Għal darb'ohra l-Kunsill insista wkoll biex il-Perit John Rizzo Naudi jindaga mill-kuntratt tal-PPP Toroq biex ikun stabbilit x'passi jista' jieħu l-Kunsill kontra Polidano Brothers Ltd. jekk dawn jibqgħu ma jkomplux ix-xogħol mibdi minnhom.

## 3. ATTIVITÀ KULTURALI

### - Attivitā Għat-Tfal Għal Żmien il-Milied

3.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva biex tinżamm ħarġa kulturali għat-tfal għal żmien il-Milied.

3.2 Għandha titqassam ċirkulari bid-dettalji tal-programm dwar din l-attivita' fil-lokalita.

3.3 Id-data proposta għal din l-attivita għandha tkun l-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2012.

### - Festival taċ-Ċitru

3.4 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet dwar l-attivita annwali taċ-Ċitru li ser tinżamm nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2011.

3.5 Hija spjegat fid-dettal il-preparamenti li kienu qed jitħejjew biex dan il-festival jilħaq livel ahjar minn tas-sena ta' qabel.

3.6 Il-Kunsill unanimament qabel li din l-attività għandha tingħata l-pubbliċità neċċessarja biex tirnexxi. Għalhekk minbarra ċ-ċirkulari normali li tintbagħat lir-residenti, għandhom isiru avviżi fuq il-media fejn huwa possibli.

## 4. LAQGHA TAL-LOKALITA

4.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill approva unanimament biex il-laqgħa tal-Lokalita li jmiss tinżamm fil-31 ta' Jannar 2012 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill – ħin fis-6.00pm.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, għandu jiehu ħsieb biex titqassam ċirkulari fil-lokalita u jsiru l-avviżi neċessarji fil-*media* u l-Gazzetta tal-Gvern.

## 5. LIBRERIJA PUBBLIKA

5.1 Il-Kunsill unanimament approva biex isiru xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fil-librerija pubblika li hemm fl-iskola Primarja Annibale Preca, Lija. Għandhom jinxtraw ukoll kotba adattati wara li jittieħed parir mingħand uffiċċjal tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi.

5.2 Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tiġi nnominata persuna mill-lokalita' biex flimkien ma' grupp ta' studenti tkun tista' tmexxi din l-librerija b'mod aktar effiċjenti minn dak preżenti.

## 6. IL-LAQGĦA

6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar 2012 fil-4.00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |